**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U TLETIN**

**25 ta' APRIL, 2017**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato u Marilyn Sammut.

**SKUŻAT**

Il-membru Kevin Sam Farrugia nforma li ma jistax jattendi minħabba li kien imsiefer Dok 1.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

IL-Viċi-Chairperson Maria Schembri ppresediet il-laqgħa minħabba li ċ-Chairperson Pierre Farrugia, informa li ser jattendi tard.

**35.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

35.1.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia talab rendikont tax-xogħol fi Triq Fra Gan Maire Zammit.

Il-membru Joseph D'Amato qal li kellu laqgħa mal-Perit Edric Micallef fejn ġie nfurmat li minflok boundary wall, ser isir railing tal-ħadid. Qal ukoll li s-siġar li ġew kienu żgħar u l-kuntrattur ġie avżat biex joħodhom lura u jordna oħrajn kbar.

- Kien hemm qbil li issir ordni għax-xogħol ta' tneħħija ta' tumbata li hemm fl-akwata u minflokha issir patch.
- Kien hemm qbil li jiżdiedu t-tabelli tal-'One way' kif kien approvat minn TM u jsiru sinjali mal-art ukoll.
- Kien hemm qbil li tintbagħat *reminder re electric vehicles charger* li kellha tkun installata fl-akwata.

***35.2*** ***Suġġerimenti u lmenti***

35.2.1 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li hemm bżonn li l-Kumitat jinstalla tabella fi ġnien li jinsab fi Triq Fra Gan Marie Zammit li tgħid 'Il-ġenituri huma responsabbli tat-tfal tagħhom waqt li jkunu fil-ġnien'. Kien hemm qbil li tiġi ordnata tali tabella.

35.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia informa lill-Kumitat li ġie avviċinat mis-Sur Andrew Borg li joqgħod fi Triq l-Arċipriet E Mifsud talab biex issir sleeping policeman fi Triq l-Arċipriet E Mifsud k/m Triq l-Imtali. Kien hemm qbil li ssir l-applikazzjoni ma' Transport Malta.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa ukoll li jinżabru s-siġar tal-istess triq u li jerġgħu jsiru mill-ġdid il-konki, għax bħalissa jinsabu kollha mkissrin bl-għeruq. Kien hemm qbil fuq dan.

***35.3*** ***Appuntament għas-Seduta li jmiss***

35.3.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:30 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 30ta' Mejju, 2017 fil-17:30.

Konfermati, illum 30 ta' Mejju, 2017

IFFIRMAT IFFIRMAT

Pierre Farrugia Josianne Cilia Mumford
**Chairperson** **Segretarju Eżekuttiv**